

- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Ungerija għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 139, 15.04.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van beroep te Antwerpen – il-Belġju) – Belgische Staat, irrappreżentat mill-Minister van Werk, Economie en Consumenten, responsabbli għall-Buitenlandse handel, u mid-Directeur-Generaal van de Algemene Directie Controle en Bemiddeling van de FOD Economie, K.M.O., Middenstand en Energie, li saret Algemene Directie Economische Inspectie, Directeur-Generaal van de Algemene Directie Controle en Bemiddeling van de FOD Economie, K.M.O., Middenstand en Energie, li saret Algemene Directie Economische Inspectie vs Movic BV, Events Belgium BV, Leisure Tickets & Activities International BV

(Kawża C-73/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 1(1) – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" – Azzjoni għal inibizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali mressqa minn awtorità pubblika għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi)

(2020/C 297/14)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van beroep te Antwerpen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Belgische Staat, irrappreżentat mill-Minister van Werk, Economie en Consumenten, responsabbli għall-Buitenlandse handel, u mid-Directeur-Generaal van de Algemene Directie Controle en Bemiddeling van de FOD Economie, K.M.O., Middenstand en Energie, li saret Algemene Directie Economische Inspectie, Directeur-Generaal van de Algemene Directie Controle en Bemiddeling van de FOD Economie, K.M.O., Middenstand en Energie, li saret Algemene Directie Economische Inspectie

Konvenuti: Movic BV, Events Belgium BV, Leisure Tickets & Activities International BV

Dispożittiv

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonnoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", li jinsab f'din id-dispożizzjoni, azzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru u professjonisti stabbiliti fi Stat Membru ieħor li fil-kuntest tagħha dawn l-awtoritajiet jitolbu, prinċipalment, li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur li jikkostitwixxi prattiki kummerċjali żleali allegatament illegali u li jiġi ordnat il-waqfien tagħhom, kif ukoll, sussidjarjament, li jiġu ordnati miżuri ta' reklamar u li jiġi impost pagament ta' penali.

(¹) ĠU C 139, 15.4.2019.